**MALTA**

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Illum 25 ta' Mejju, 2016

Mandat Numru: 675/2016 LM

**D.D.E. Attard Limited (C4938)**

**vs.**

**John Busuttil (K.I. 588056M)**
**fil-kwalità tiegħu ta' stralċjarju tas-soċjetà**
**Malta Shipyards Limited (C32345)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' **D.D.E. Attard Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà rikorrenti") ippreżentat fl-4 ta' Mejju, 2016, li jgħid hekk:

*"Illi l-esponenti sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha, tixtieq iżomm lill-intimat milli jbiegħ, jiddisponi, jew jittrasferixxi b'xi titolu ieħor a favur*

*ta' terzi, tliet krejnijiet tat-tip "Gantry" li bħalissa jinsabu armati ġewwa s-sit tal-Malta Shipbuilding;*

*Illi permezz ta' skrittura privata tal-20 ta' Ottubru, 2014, kopja ta' liema annessa u mmarkata "Dok. A" is-socjet*à *esponenti akkwistat il-kontenut ta' erba' stores flimkien ma' tliet krejnijiet tat-tip "Gantry" li bħalissa jinsabu armati ġewwa s-sit tal-Malta Shipbuilding u dan versu l-prezz komplessiv ta' mija u sebgħin elf euro (€170,000);*

*Illi kontestwalment mal-ftehim, is-socjetà esponenti ħallset is-somma ta' għaxart elef euro (€10,000), kif jidher mill-irċevuta annessa u mmarkata "Dok. B" filwaqt li ħalliet cheques għall-bqija tal-prezz f'idejn l-intimat qua venditur, liema cheques skont l-istess skrittura, kellhom jissarrfu wara li jiżżarmaw il-krejnijiet u t-tisrif tagħhom huwa soġġett għal li s-soċjeta esponenti tottjeni l-permessi neċessarji da parti tal-awtoritajiet konċernati u jingħata l-aċċess idoneu sabiex ikun jista' jżarma l-istess krejnijiet;*

*Illi s-soċjetà esponenti għandha l-permessi meħtieġa sabiex twettaq ix-xogħlijiet neċessarji;*

*Illi minkejja li skont l-istess ftehim, tali krejnijiet kellhom jiżżarmaw sal-aħħar ta' Frar 2015, is-soċjetà esponenti sal-lum għadha ma ngħatatx aċċess għal tali krejnijiet u dan billi d-dawra tal-moll tax-Shipbuilding (fejn jinsabu armati tnejn mit-tliet krejnijiet inkwistjoni) infetħet triq għall-pubbliku filwaqt li parti oħra tal-kumpless tal-Malta Shipbuilding (fejn jinsab armat wieħed mill-krejnijiet inkwistjoni) ġiet allokata lil terzi;*

*Illi fil-frattemp tħabbar li s-sit inkwistjoni kien se jingħata inkonċessjoni lil terzi da parti tal-Gvern, liema konċessjoni jidher li tinkludi wkoll l-istess krejnijiet mertu tal-ftehim suriferit;*

*Illi fic-ċirkostanzi, hu ċar li kemm-il darba l-intimat jittrasferixxi tali krejnijiet lil terzi, is-soċjetà esponenti tiġi preġudikata peress li tali trasferiment ikun sar bi ksur tal-ftehim viġenti bejn il-partijiet;*

*Illi sabiex jiġu salvagwardjati l-jeddijiet tal-esponenti jintalab umilment illi prevja li din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi dan ir-rikors definittivament, tordna l-ħruġ tal-Mandat b'mod proviżorju;*

*Illi l-esponenti se tiġi ppreġudikata jekk l-intimat ma jiġix inibit kif ingħad;*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżżommu milli jkompli jagħmel il-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.*

Rat ir-Risposta ippreżentata fit-12 ta' Mejju, 2016 minn **John Busuttil fil-kwalità tiegħu ta' stralċjarju tas-soċjetà Malta Shipyards Limited** (minn issa 'l quddiem "l-intimat").

Rat id-digriet tagħha tal-4 ta' Mejju, 2016 li permezz tiegħu laqgħet provviżorjament it-talba tas-soċjetà rikorrenti u rriżervat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri.

Rat illi bid-digriet tagħha tal-4 ta' Mejju, 2016 din il-Qorti appuntat ir-Rikors għas-smigħ għas-seduta tas-16 ta' Mejju, 2016.

Rat ir-rikors ippreżentat mill-intimat fis-16 ta' Mejju, 2016 fejn l-intimat stqarr illi "minħabba ċirkostanzi li m'għandux kontroll fuqhom" kien "kostrett li jirtira" r-Risposta tiegħu u talab ukoll l-isfilż tal-istess Risposta, liema talba għall-isfilz però ma ġietx milqugħa.

Semgħet ix-xhieda ta' **Disma Attard** rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-avukat difensur tas-soċjetà rikorrenti.

Rat illi fl-udjenza tas-16 ta' Mejju, 2016 ħalliet ir-Rikors għal digriet kamerali.

**Ikkunsidrat:**

Illi permezz ta' din il-proċedura, is-soċjetà rikorrenti qiegħda titlob illi l-konvenut jiġi inibit milli jbiegħ jew b'xi mod ieħor jittrasferixxi favur terzi persuni tliet krejnijiet li xtrat mingħandu u li jinstabu f'sit tal-Malta Shipbuilding li tħabbar li kien sejjer jiġi konċess lil terzi inklużi l-istess krejnijiet.

Illi l-intimat kien wieġeb li x-xiri tal-krejnijiet kien soġġett għal kundizzjoni li s-soċjetà rikorrenti naqset li twettaq; li kien ibbażat fuq skrittura nulla għax tinkludi fiha ċekkijiet *post-dated;* li jekk il-konvenju kien validu kien skada; u li

s-sit fejn jinstabu l-krejnijiet qatt ma kien proprjetà tal-Malta Shipbuilding Limited. Sussegwentement l-intimat permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru proprju dakinhar tas-smigħ, irtira din ir-risposta tiegħu.

Fid-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) li jirregolaw l-atti kawtelatorji, fosthom il-mandat ta' inibizzjoni, insibu l-Artikolu 829 li jiddisponi li kull persuna tista', mingħajr mhu meħtieġ li qabel ikun hemm deċiżjoni, tqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tagħha b'xi wieħed jew iżjed mill-mandati kawtelatorji msemmijin fl-istess Titolu VI tal-Kodiċi ċitat li jiġu maħruġa u esegwiti taħt ir-responsabbiltà tagħha.

L-Artikolu 873 imbagħad speċifikament fuq il-mandat ta' inibizzjoni jiddisponi li l-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu biex iżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa, tkun xi tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat. Il-Qorti m'għandhiex toħroġ mandat ta' inibizzjoni jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet ta' min jitlob il-ħruġ tal-mandat u li *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet.

Fil-kawża fl-ismijiet **Giacomo Galea vs. Pio Bezzina** deċiża fil-5 ta' Awwissu, 1954 (Vol. XXXVIII.i.336), il-Qorti tal-Appell osservat li fi proċeduri għar-revoka ta' mandat ta' inibizzjoni hemm tliet indaġnijiet li l-Qorti trid tagħmel hi u tikkunsidra l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:

(a) L-intimat qiegħed jagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara lir-rikorrent;

(b) Imbagħad li jkun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu d-dritt li jimpedixxi lill-intimat li jagħmel dik il-ħaġa li biha jista' jirrekalu ħsara; u

(ċ) Fl-aħħar nett li l-mandat ikun neċessarju biex jiġi konservat dak id-dritt tar-rikorrent.

Fil-kawża fl-ismijiet **Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfre** (08.04.1988) il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kkummentat hekk dwar ir-rekwiżit tal-*prima facie*:-

> "It-tieni rekwiżit, u ċjoè 'li dan ir-rikorrenti *prima facie* jidher li għandu dawn il-jeddijiet' huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat.".[1]

Fil-kawża fl-ismijiet **Publio Cachia vs. Francis Cachia** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru, 1957 (Vol. XLI.i.498) fejn intalab ir-revoka ta' mandat ta' inibizzjoni peress li skont l-attur ma kinux jirrikorru l-elementi stabbiliti mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat, ġie osservat:-

> "Issa, hu eżatt li fuq iċ-ċitazzjoni preżenti l-Qorti tal-Ewwel Grad ma kellhiex taqta' ħlief il-kwistjoni jekk il-konvenut kienx intitolat għall-ħruġ tal-mandat, u kwindi hu wkoll eżatt li dik il-Qorti ma setgħetx tidħol definittivament fil-meritu tal-vertenza, imma biss tara jekk kienx hemm raġunijiet *prima facie*".

Illi ma hemmx dubbju li jissussistu f'dan il-każ it-tliet elementi fuq imsemmija, meħtieġa għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni billi (i) ikun ta' ħsara għas-soċjetà rikorrenti jekk il-krejnijiet jinbiegħu (ii) mal-ewwel daqqa t'għajn jidher li għandha dritt xi tħares u li (iii) il-mandat huwa meħtieġ biex jiġi kkonservat dan id-dritt.

---

[1] Ara wkoll **Emanuel Bonnici vs. Anthony Bartolo** degretat mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar, 2007.

Illi permezz tar-Risposta tiegħu l-intimat kien oriġinarjament ikkontesta "bl-akbar qawwa" it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti, iżda permezz tar-rikors ippreżentat fir-Reġistru dakinhar tas-smigħ l-intimat mhux biss irtira r-risposta tiegħu imma saħansitra talab l-isfilz tagħha, liema talba għall-isfilz però ma ġietx milqugħa. Barra minn hekk l-intimat naqas milli jidher għas-smigħ u lanqas deher id-difensur legali tiegħu.

Illi t-tweġiba tal-intimat li finalment ġiet irtirata, fi kwalunkwe każ kienet tikkonsisti f'eċċezzjonijiet li, filwaqt li jolqtu l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet, ma jneħħu xejn miċ-ċirkostanza li jidher mal-ewwel daqqa t'għajn li s-soċjetà rikorrenti għandha, jew jista' jkollha, pretensjoni ta' jedd xi tħares u dan, flimkien maż-żewġ elementi l-oħra, huwa suffiċjenti biex ikun jista' tintlaqa' t-talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.

Illi fuq kollox, meta l-intimat irtira r-risposta tiegħu jista' jitqies li effettivament irtira l-oppożizzjoni tiegħu għall-ħruġ tal-mandat jew għall-inqas irrimetta ruħu għad-deċiżjoni tal-Qorti.

**Għar-raġunijiet suesposti, il-Qorti qiegħda tilqa' r-rikors tas-soċjetà rikorrenti billi żżomm lill-intimat milli jbiegħ, jiddisponi, jew jittrasferixxi b'xi titolu ieħor a favur ta' terzi, tliet krejnijiet tat-tip *Gantry* li bħalissa jinstabu armati ġewwa s-sit tal-Malta Shipbuilding.**

**Bl-ispejjeż a kariku tal-intimat.**